# Elementi u Metrika fil-Poema "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ"

Din il-poema hija vjaġġ poetiku li l-poeta jagħmel billi jżur seba' niċeċ f'Malta u Għawdex: Madonna tal-Ħlas, Sant'Agata, Madonna ta' l-Isperanza, San Corrado, Madonna tal-Mellieħa, Madonna ta' Pinu, u San Dimitri; l-aħħar tnejn f'Għawdex.

Sa mill-bidunett tal-poema jurina għaliex ried jagħmel dan il-vjaġġ reliġjuż. Il-ħajja xxennqek għaliha u tiġbdek lejha bil-ġmiel u l-pjaċiri tagħha, biex imbagħad tarmik fin-niket u d-dispjaċiri, sewwasew bħall-mewġa tal-baħar.

*li tħaddnek u trekknek u tressqek*
*lejn art kollha mkebba ġo ħolma*
*u tfarrkek u xxejnek u tbennek*
.................................
.................................
*biex titfgħek mill-ġdid fuq ir-ramel*
*ta' xagħra bla dawl u bla barka.* (vv. 2 – 8)

Hekk ġralu l-poeta, u għalhekk ħass il-ħtieġa ġo fih li jindem u jsaffi ruħu mill-ħtijiet. U dan ma jistax ma jfakkrekx fil-poeta kbir Taljan Dante Alighieri li, fil-poema tiegħu "La Divina Commedia" ukoll jagħmel vjaġġ immaġinarju fl-Infern, fil-Purgatorju u fil-Ġenna, u fih juri t-*tisfija tar-ruħ gradatament sakemm terġa' tikseb id-dinjità morali tagħha*, kif ukoll biex juri t-triq ta' l-*ideali nsara lis-soċjetà ta' żmienu*. U Ġorġ Zammit ukoll bejn knisja u oħra li żar, jagħti l-ġudizzju tiegħu lis-soċjetà ta' żmienu u waqtiet anki jċanfarha għax tbiegħdet mill-ideal nisrani. Iżda l-paralleliżmu mal-poema ta' Dante jieqaf hawn; mill-bqija l-poeta Malti jitbiegħed sewwa, anki jekk il-ħajta ta' l-ispirazzjoni poetika, rqiqa kemm hi rqiqa, tibqa' tfakkrek il-ħin kollu fil-poema ta' Dante.

Kif għedt, wara dan il-vjaġġ hemm l-iskop tat-tisfija tar-ruħ, u dan narawh mill-mod kif weġbitu l-Madonna:

*'Daqskemm huma*
*tad-dnubiet l-irjus misħuta*
*daqstant niċeċ trid iżżur*
*biex lil qalbek tara ħielsa*
*minn kull regħba, minn kull xewqa'* (vv. 163 – 167)

Kemm irnexxielu jsib il-hena mill-ġdid narawh minn kif ħassu wara wħud miż-żjajjar:

. . . *b'qalb aktar hienja t-trejqa*
*ta' taħt il-maqdes qbadt.* (vv. 229 – 30)

*Qomt bil-wieqfa – ħassejt qalbi*
*bħal meħlusa minn xi toqol .* (vv. 348 – 349)

*U tlaqt b'qalbi mserrħa* (v. 656)

*U b'qalb mistrieħa qomt jien minn quddiemek*
*u ħriġt ferħan lejn l-aħħar niċċa tiegħi* (vv. 741 – 742)

Nistgħu ngħidu li r-ruħ li tagħti l-ħajja u l-ġmiel lil din il-poema hija l-elementi li fiha, elementi li Ġorġ Zammit b'ħila kbira jsensel flimkien bil-għaqal, b'mod li ma jnessikx l-iskop ewlieni tal-vjaġġ tiegħu. Dawn l-elementi, prinċipalment huma:

1. *l-element reliġjuż*
2. *l-element patrijottiku*
3. *l-element folkloristiku*
3. *l-element folkloristiku*
4. *l-element ambjentali Malti*
5. *l-element tat-tradizzjonijiet Maltin*

1. *L-element reliġjuż:* Ibda biex, din il-poema hija kollha kemm hi reliġjuża kif fissirt diġà meta tkellimt fuq il-vjaġġ tal-poeta, l-iskop tiegħu u l-effetti tiegħu fir-ruħ tal-poeta. Madanakollu, fl-element reliġjuż naraw fuq kollox *il-konvinzjoni reliġjuża* tal-poeta li fit-taħbit tal-ħajja ħass li għandu jdur lejn il-Madonna u jitlobha x'għandu jagħmel

*ftaħt bwieb qalbi – u staqsejtha*
*x'għandi nagħmel ħalli l-ħalla*
*ta' dil-ħajja nista' nagħleb* (vv. 160 – 163)

*Erġajt lura. Fuq artalek*
*xbejba martri, qegħidt ix-xemgħa*
*tiddi d-dija ta' l-imħabba* (vv. 333 – 335)

*Bist kull xbieha fuq ħitanek* (v. 341)

Il-poeta jurina wkoll *it-twemmin tiegħu f'ħajja oħra li ma tintemmx* għax għalih il-mewt m'hix it-tmiem imma l-bidu ta' ħajja oħra:

*Li kieku l-qabar*
*m'għamlitux fosdqa*
*li minnha tiftaħ*
*ir-ruħ ġwinħajha*
*biex dlonk tittajjar?* (vv. 407 – 411)

kif jurina wkoll li huwa *reliġjuż ottimista* għaliex fit-twegħir li għadda minnu fil-ħajja, qatt ma naqsitu t-tama li hu jsejħilha:

*. . . ħolqa*
*bejn art u sema*
*bejn dlam u dija* (vv. 417 – 419)

għax din it-tama timlieh bil-kuraġġ għal ħajja aħjar fis-sema, wisq u wisq iżjed meta huwa *konvint mill-frugħa ta' din id-dinja:*

*li dak li għadda u dak li ġej*
*mhu xejn ħlief ħolma; . . .* (vv. 663 – 664)

u din il-frugħa tirrifletti ruħha sewwa fil-*bniedem li skond il-poeta u skond it-tagħlim nisrani m'huwiex ħlief xejn quddiem is-setgħa bla tarf ta' Alla:*

*U int, bniedem, m'inti xejn ħlief ramla*
*imtajra 'l hawn u 'l hinn mar-riħ (vv. 675–676)*

2. *L-element patrijottiku:* Dan l-element ma nistax ngħid li hu qawwi biżżejjed f'din il-poema, kuntrarjament għall-poema l-oħra "Il-Għanja tas-Seba' Egħrien" li hija kollha kemm hi poema patrijottika. Madanakollu niltaqgħu ma' ħsibijiet patrijottiċi li għalkemm huma ftit fil-għadd, huma qawwija biżżejjed li jġiegħlu lill-qarrej jieqaf jaħseb fuq art twelidu u fuq l-imħabba li għandu jkollu lejha. Infatti meta jsemmi lil Għajn Rażul, wara li jiftakar kemm kien jixrob minnha meta kien ċkejken, tiġih ħasra li min kien jikkmanda qeridha bla ma ta kas tas-siwi tagħha storiku u reliġjuż u jgħid imnikket:

*Hekk il-Malti*
*jaf jgħożżu lill-ġawhar ta' ġensu,*
*Di' l-qima li jagħti lil artu (vv. 588–590)*

Mhux hekk biss, imma saħansitra jċanfar lill-Maltin li dejjem lesti jgħollu 'l fuq lill-barrani u jkasbru dak li hu tagħhom:

*Da' l-ġieh li ried jagħżel. Sas-sema*
*ried jgħolli 'l-barrani u lil ħwejġu*
*difinhom fil-qabar tal-minsi . (vv. 591–593)*

Iżda l-patrijottiżmu tal-poeta jilħaq il-kobor tiegħu meta jurina l-ħerqa li għandu biex il-Maltin, fl-aħħar jibdew iħossuhom kburin li huma Maltin:

*Dan sehemna, li tisbaħ dik l-għodwa*
*li l-Malti jistenbah minn nagħsu*
*u 'l Alla jrodd ħajr li hu Malti . (vv. 584–596)*

3. *L-Element Folkloristiku:* Waħda mid-drawwiet Maltin li għadha ħajja sal-lum hija dik, speċjalment fl-irħula, li *waqt li n-nisa jonxru l-ħwejjeġ fuq il-bejt jgħannu għanja ta' mħabba għall-maħbub tagħhom*, jew *għanja ta' tingiż u nkejja għall-ġara:*

*Fejn widnejk jisimgħu l-għanja*
*tal-maħbuba fuq ħaninha*
*waqt li wieqfa fuq il-banju (vv. 72–74)*

*U minn taħt il-għajn timmira*
*lejn ix-xebba ta' quddiemha*
*li m'għandhiex għal min tgħanniha*
*u m'għandhiex għal min tiksirha*
*l-għanja ħelwa ta' l-imħabba (vv. 78–82)*

filwaqt li drawwa oħra Maltija hija dik ta' *l-agħjat tal-bejjiegħa* fit-toroq:

*. . . Kien il-ħin meta l-bejjiegħa*
*jimlew it-triq b'agħjathom qisu għana* (vv. 273 – 274)

*in-nisa jlabalbu ħdejn tal-ħanut u t-tfal jilagħbu:*

*Bin-nies mgħaġġlin, nisa jlabalbu, mrekkna*
*fejn xi ħanut, bit-tfal fin-nofs jilagħbu* (vv. 276 – 277)

Drawwa oħra ta' missirijietna li l-lum inqatgħet għal kollox kienet dik tal-*qasrija bil-qronfol f'ħoġor it-tieqa biex turi li f'dik id-dar kien hemm xebba għaż-żwieġ:*

*L-omm kienet toħroġ il-qasrija, mħawla*
*bil-qronfol, sardinelli, jew xi merdquxa,*
*u tgħarraf b'hekk liż-żgħażagħ ta' l-inħawi*
*li f'dik id-dar tinsab moħbija ġawhra*
*U kien xi għażeb mimli mħabba, igħanni*
*fis-skiet ta' lejl imqammar, mal-kitarra:*
*'Minn dit-triq għaddejt u ngħaddi,*
*għax f'dit-triq għandi qasrija'* (vv. 284 – 291)

4. *L-Element Ambjentali Malti:* Kif jidher minn din il-ġabra ta' poeżiji f'dan il-ktieb ta' Ġorġ Zammit, l-ambjent naturali Malti jsaħħar lill-poeta u jispirah ħafna għall-poeżija. Anki f'din il-poema jħobb jiddeskrivi ħafna dan l-ambjent, tant li nistgħu ngħidu li hija miżgħuda bih u tibda tikkonfondi liema tibda ssemmi biex tikkummentah, għax dan l-ambjent jitkellem fuqu kemm biex jiddeskrivi fejn hi n-niċċa li jżur, kif ukoll huwa u miexi bejn niċċa u oħra. Ngħidu aħna huwa u sejjer lejn il-knisja tal-Madonna tal-Ħlas fejn talabha tgħidlu x'għandu jagħmel jiddeskrivi l-ambjent b'dan il-mod:

*Triq isserrep, qisha trejqa*
*ta' xi belt tal-Barbarija –*
*djar imbajda, lwien li jgħajtu,*
*soqfa għoljin u soqfa baxxi,*
*bibien żgħar qishom tal-ħrejjef,*
*twieqi mxattba bil-ħadid.*
*Injamiet, f'xi gallerija*
*bħal dirgħajn fuq naħa u oħra*
*u bejniethom ara jperpru,*
*ħwejjeġ bojod, ħwejjeġ koħol* (vv. 47 – 56)

Marbut ma' l-ambjent Malti, bla dubju huwa d-daqq tal-qniepen u t-tokki ta' l-arloġġ minn fuq il-kampnar tar-raħal:

*Smajt fil-bogħ'd, minn ħafna nħawi*
*fuq il-ħemda jidwu t-tokki*
*minn fuq l-għoli tal-kampnari* (vv. 473 – 475)

Kif jidher anki minn poeżiji oħrajn f'din il-ġabra ta' dan il-ktieb, is-siġar speċjalment tal-ħarrub jolqtu ħafna lill-poeta fl-ambjent ta' pajjiżu:

> . . . *Il-griż kaħlani*
> *ta' naħietu, x-xejra mbenna*
> *tal-ħarrub . . .* (vv. 478–480).

kif ukoll siġar oħrajn:

> *It-tferfir ferħan, daħkani*
> *tal-blanzun tal-ħawħ u l-lewż,*
> *sema nir, sħabiet jiżżiemlu* (vv. 482–484)

Huwa u sejjer lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa hekk jiddeskrivi l-ambjent tan-naħa tal-Pwales u fih jerġa' jsemmi l-ħarruba:

> . . . *Titbaskat fil-bewsa*
> *tax-xemx tar-rebbiegħa, rajt, ħiemda*
> *il-wisa' tal-Pwales, bis-swieni*
> *ireddnu fil-ħdura daħkana.*
> *U dort mal-lemin, lejn Għajn Żnuber*
> *għassiera t'agħsajjar ferrieħa.*
> ..................................
> ..................................
> *Ma' triq wieqfa, mserrpa mdellija*
> *u mżejna bi ġmielek, ja siġra*
> *ta' ġensna, ħarruba ħanina.* (vv. 598–608).

5. *L-Element tat-Tradizzjonijiet Maltin:* Kull niċċa li żar, barra milli ddeskrivieha tajjeb minn barra u minn ġewwa, semma wkoll it-tradizzjijiet marbutin ma' kull waħda minnhom, u b'riħet hekk il-qarrej x'aktarx li jsir jaf b'dawn it-tradizzjonijiet għall-ewwel darba.

*Knisja tas-Samra:* (Qabel ma beda l-vjaġġ għas-seba' niċeċ)

*It-tradizzjoni ta' Isabella li fi żmien l-Assedju kienet instabet mirduma iżda ħajja fid-dar tagħha. Meta kibret iżżewġet lil Giuseppe Casauri li minn Madrid kien ġab kopja tal-Madonna ta' Antjokja meqjusa bħala mpinġija minn San Luqa – Madonna samra. Dawn bnew il-knisja tal-Madonna tas-Samra u dar magħha fejn għexu bħala patri u soru u ndifnu fil-knisja li kienu bnew huma stess.*

*Madonna tal-Ħlas:*

*Mat-tieqa tad-dar li fiha jgħix min jieħu ħsiebha, hemm tieqa fejn min jaqla' grazzja jqiegħed il-flus u ż-żejt b'radd il-ħajr biex tibqa' l-ħin kollu bid-dawl jixgħel quddiemha.*

*Sant'Agata:*

*Fl-għar kienet tgħammar Agata, qaddisa minn Sqallija li kienet ġiet Malta fis-sena 250. Qalet 'l ommha li kienet lesta tiżżewweġ lil Korinzjanu prefett ta' Catania malli tinseġ velu, iżda bin-nhar kienet tinseġ u bil-lejl kienet toftoq, biex ma tiżżewġux u tibqa' verġni. Mietet martri, b'martirju kiefer ħafna.*

*Madonnma ta' l-Isperanza:*

*Fl-1760 waqt li familja Mostija kienet taħdem fl-egħlieqi f'Bur*

*Marrad meta sabu ruħhom imdawrin bil-misilmin, ħarbu lejn il-Mosta, iżda xebba ta' għoxrin ma felħitx tiġri aktar, inħbiet f'għar u wiegħdet lill-Madonna li tibnilha knisja fuqu jekk ma tinqabadx. Fil-fatt hekk għamlet.*

*L-għar ta' S. Corrado (Korrew) l-Eremita:*

*F'għar, f'Wied il-Għasel kien igħammar dan l-eremita. Il-Mostin ma ridux jagħtuh widen biex ibiddlu ħajjithom u ħaġġruh. Ħarab minn taħt idejhom u meta wasal il-Marfa u sab il-baħar quddiemu, fetaħ il-mantar li kellu fuqu fuq l-ilma u qasam għal Għawdex. In-nies baqgħu mistagħġbin u ħadu l-ħatar tiegħu u qegħduh fil-għar fejn kien igħammar, u kull sena kien joħroġ il-ward minnu.*

*Madonna tal-Mellieħa:*

*It-tradizzjoni tgħid li l-kwadru ta' din il-Madonna mirakoluża kien pinġieh l-evanġelista San Luqa kemm dam Malta ma' San Pawl.*

*Madonna ta' Pinu:*

*It-tradizzjoni tgħid li Karmni Grima, Għawdxija, tkellmet mal-Madonna u bnitilha s-santwarju.*

*San Dimitri:*

*It-tradizzjoni tgħid li l-knisja tal-lum kienet inbniet fuq il-post ta' oħra qadima li kienet għerqet f'qiegħ il-baħar. Igħidu wkoll illi xi bugħaddasa kienu niżlu fil-qiegħ biex jaqilgħu l-ankra tal-vapur tagħhom, u raw il-knisja fil-qiegħ xotta bla ilma mill-bieb 'il ġewwa u d-dawl ta' lampier jixgħel.*

*Il-metrika f' "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ":* Ġeneralment, il-poema tinħadem bl-istess metru mill-bidu sat-tmiem, x'aktarx bl-ottavi jew bis-sestini, u bil-vers endekasillabu, u ġie li wkoll bit-terzini bl-istess metru. Iżda mhux hekk għamel Ġorġ Żammit f'din il-poema. Infatti l-poeta, bena l-poema b'taħlit sabiħ ta' metri, b'varjazzjoni kbira ta' tul ta' strofi. L-aktar li jiddomina l-metru popolari tat-tmienja, biex jagħmel il-mixja tal-poema ħafifa kemm jista' jkun:

*U bqajt dièħel rasi bàxxa,*
*u fid-dèll ta' dak il-màqdes*
*qisni ràjt lil Isabèlla*

bl-aċċenti ritmiċi jaqgħu fuq it-tielet u fuq is-seba' sillaba u hija proprju l-waqgħa ta' dawn l-aċċenti li tagħmel dan il-vers tat-tmienja ħafif u mexxej bħar-ritmu tal-passi ta' min ikun miexi għal għonq it-triq, biex aktar jinħass fil-qarrej il-vjaġġ mistħajjel tal-poeta.

Il-vers tad-disgħa l-poeta wżah biex jagħti aktar solennità lil ħsibijietu kif nistgħu naraw mill-versi li ġejjin li għandhom l-aċċenti jaqgħu fuq it-tieni, il-ħames, u t-tmien sillaba:

*"Bin-nèwba tad-dmùgħ fuq għajnèjja,*
*bin-nèwba tal-għàna ġo qàlbi"*

Ta' min jinnota li wara li jtemm il-versi tad-disgħa (v.659), jibda

għadd ieħor ta' versi bil-metru tad-disgħa wkoll, iżda biex joħloq kuntrast ma' ta' qabel, iħaddem il-metru tad-disgħa maqtugħ jew tronk, u jisposta l-aċċenti billi jitfagħhom fuq it-tieni, ir-raba', is-sitt u t-tmien sillaba:

*U ħrìġt mill-lòġġa tàl-kampnàr*
*u nżìlt ir-ràmpa. F'vàmpa nàr*

Fil-versi tad-disgħa ġie li niltaqgħu ma' xi nuqqas żgħir 'l hawn u 'l hinn fil-waqgħa ta' l-aċċenti bħal: *Nòfs ta' tkixxìf, nòfs tà' tislìma* fejn l-ewwel aċċent qiegħed jaqa' fuq l-ewwel sillaba flok fuq it-tieni, anki jekk kif għedt dawn huma nuqqasijiet żgħar ħafna. U nuqqasijiet żgħar bħal dawn niltaqgħu magħhom ukoll fil-vers endekasillabu li fih l-aċċenti jaqgħu fuq it-tieni, ir-raba', is-sitt, it-tmien u l-għaxar sillaba, meta f'uħud mill-versi ħafna drabi l-aċċent flok jaqa' fuq it-tieni, jaqa' fuq l-ewwel sillaba: *Tàffa l-għàtx ìl-qaddìs u qìsni ràjtu*

Fil-metru tal-ħamsa li l-poeta wżah b'effett kbir (vv. 381 – 427) b'mod li jagħmel impatt qawwi mal-metri l-oħrajn ta' qabel u ta' wara, niltaqgħu wkoll ma' aċċenti li flok jaqgħu fuq it-tieni sillaba kif riedhom jaqgħu l-poeta, jaqgħu fuq l-ewwel:

*Mal-wièd tal-ħàjja (2, 4)*
*mibrùm, imgèrbeb, (2, 4)*
*càgħka maħkùma (1, 4)*
*f'għàma bla rìeda (1, 4)*
*fl-èqqel tax-xìtwa (1, 4)*
*jgħàddi bħal ħòlma (1, 4)*

Mill-banda l-oħra l-vers endekasillabu jħaddmu tajjeb ħafna, neħħi xi nuqqasijiet fl-aċċentwar, nuqqasijiet żgħar li ma jħassru xejn mis-sbuħija ta' dan il-metru kif imħaddem minn Zammit. Madankollu fil-metru endekasillabu tal-kwartini li bihom jagħlaq din il-poema (vv. 798 – 817) hemm ħafna aċċenti li flok jaqgħu fuq it-tieni, jaqgħu fuq l-ewwel sillaba fosthom: jìxgħel, màdmad, ìżda, b'wìċċi, kîeku, b'qàlbi, eċċ., waqt li l-ewwel vers tat-tielet strofa (v. 806) kif inhu fih tnax-il sillaba bl-aċċenti mħarbtin sewwa:

"B'wiċċi ma' l-art xtaqt li, bħar-raheb t'Aġġira"

Wara li għedt dan kollu fuq il-metrika ta' din il-poema, irrid nistqarr b'wiċċi minn quddiem li din hija l-isbaħ xogħol letterarju li għandu Ġorġ Zammit f'din il-ġabra "Poeżiji" u nażżarda nsejħilha ġawhra fil-letteratura Maltija. Meta tiżinha sewwa ssib li barra l-elementi li fiha u li ddiskutejthom f'dan l-istudju ċkejken, ma tistax ma tissaħħarx bil-mod kif laħħam ħsibijietu u kif sawwarhom bil-metafori u figuri oħra tad-diskors u, ngħid għalija, fuq kollox, il-mod kif jaf fuq ponot subgħajh l-ismijiet toponomastiċi Maltin, ħaġa li tixhed bla dubju l-imħabba kbira tal-poeta għal Malta, b'mod speċjali għall-ambjent naturali Malti. U l-qarrej, wara li jaqra u jixtarr "Il-Għanja tas-Seba' Niċeċ", bla ma jrid isir jixbah lill-poeta!

**p. Alfred M. Previ**